# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Nhar it-Tnejn 30 ta' April 2018**

**Mandat Numru: 512/2018/1 JPG**

**Jefpet Limited [C43812]**

**Vs**

**HSBC Bank Malta plc [C3177]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ta' Jefpet Limited [C43812] datat 2 ta‘ April 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

*Illi l-esponenti ghandu interess li jitharsu l-jeddijiet tal-esponenti;*

*Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela d-drittijiet tieghu, jixtieq izomm l-intimat milli*

*jeżegwixxi, jenforza jew fi kwalsiasi mod iwettaq il-wegħda ta' ċessjoni ta' jeddijiet magħmula permezz ta' l-iskrittura privata datata disa' (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), u li kopja tagħha qiegħda tiġi mehmuża bħala "dokument A".*

*Illi in vista tal-fatt li r-rikorrenti għandha tagħrif li l-Bank intimat qiegħed fil-proċess li jwettaq u jikkonkludi dak li qed jintalab li jinżamm milli jagħmel b'mod imminenti, ir-rikorrenti qiegħda titlob l-akkoljiment provviżorju ta' dan il-mandat a tenur ta' l-Artikolu 875 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Illi permezz ta' skrittura privata datata 9 ta' Jannar 2018, il-Bank intimat intrabat li jittrasferixxi u jċedi favur terz injot, li min-naħa tiegħu intrabat li jixtri u jakkwista mingħand il-Bank intimat, il-kreditu tal-Bank intimat fil-konfront tar-rikorrenti, liema kreditu kellu jinkludi numru ta' jeddijiet oħrajn fosthom jeddijiet ta' preferenza, kif ukoll il-jeddijiet litiġjużi deskritti fl-istess skrittura privata, li kopja tagħha qiegħda tiġi annessa bħala "dokument A".*

*Illi kif jirriżulta mill-istess skrittura privata, id-dejn dovut mir-rikorrenti huwa konsistenti minn numru ta' akkonti bankarji ta' entita' diversa, li pero' huma kkunsidrati u meqjusa flimkien fl-istess skrittura privata bħala kreditu wieħed u uniku (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ "il-Kreditu").*

*Illi fl-istess skrittura privata, il-Bank intimat intrabat, preċiżament permezz tal-paragrafu enumerat ħdax (11), illi ma jaċċetta ebda ħlas akkont tal-kreditu formanti l-oġġett tal-wegħda ta' ċessjoni, u kwindi lanqas jekk tali ħlas akkont tal-Kreditu kif imfisser f'din l-iskrittura privata jkun jikkostitwixxi ħlas sħiħ ta' wieħed mill-akkonti bankarji li minnu huwa kompost l-istess Kreditu.*

*Illi dan huwa bi ħsara u bi preġudizzju għad-drittijiet tar-rikorrenti, in kwantu d-dejn tagħha versu l-Bank intimat huwa kompost minn diversi akkonti bankarji, u kull wieħed minn dawn l-akkonti bankarji huwa suxxettibbli għall-ħlas għas-saldu b'mod separat u awtonomu mill-ħlas ta' l-akkonti bankarji l-oħrajn. B'konsegwenza tal-fatt li l-Bank intimat intrabat li ma jaċċettax ħlas "on account of the Credit", ir-rikorrenti qed tiġi ipprivata mid-dritt li tħallas għas-saldu dawk l-akkonti bankarji individwali li huma kompriżi fil-Kreditu, bil-konsegwenzjali dekorrenza t'imgħaxijiet ......*

*.... addizzjonali, u dan bi preġudizzju tad-drittijiet tar-rikorrenti.*

*Illi barra minn hekk, biċ-ċessjoni tal-Kreditu lil dan it-terz injot, il-Bank intimat sejjer ibiddel b'mod irrimedjabbli in-natura tad-debitu dovut mir-*

*rikorrenti, li sallum kif rajna huwa konsistenti minn numru t'akkonti bankarji li huma deskritti dettaljatament fl-iskrittura privata li qed tiġi annessa bħala Dok A.*

*Illi jekk il-kreditu jiġi trasferit lil terz, dan id-dejn ma jistax legalment jibqa' jeżisti bħala akkonti bankarji, għaliex hija biss istituzzjoni ta' kreditu debitament liċenzjata mill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti li tista' żżomm u tiġġestixxi akkonti bankarji. La darba t-terz li miegħu il-Bank intimat intrabat m'huwiex istituzzjoni ta' kreditu ossia Bank, mela ma jistax iżomm akkonti Bankarji, u dan se jinċidi b'mod irreparabbli fuq id-drittijiet tar-rikorrenti.*

*Illi l-esponenti se jigi ppregudikat jekk l-intimat ma jigix inibit kif inghad;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izommu milli jkompli jaghmel l-hwejjeg hawn fuq imsemmija.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-Bank intimat HSBC Bank Malta p.l.c datata 12 ta' April 2018, a fol 9 et seqq li taqra hekk:

*Illi permezz ta' rikors fl-ismijiet fuq ċitati tat-2 t'April, 2018, is-soċjeta' rikorrenti Jefpet Limited (minn issa 'l quddiem **"Jefpet"**) talbet lil din l-Onorabbli Qorti iżżomm lill-Bank intimat milli*

> *Jeżegwixxi, jenforza jew fi kwalsiasi mod iwettaq il-wegħda ta' ċessjoni ta' jeddijiet magħmula permezz tal-iskrittura privata datata disgħa (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), u li kopja tagħha qed tiġi mehmuża bħala Dokument "A"*

*Illi b'digriet tal-istess jum, il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament sakemm jingħata d-digriet definittiv wara s-smiegħ li ġie mqiegħed għat-13 ta' April, 2018. Il-Bank esponenti qiegħed iressaq din ir-risposta, kif awtorizzat ai termini tal-istess digriet.*

***1.0 Fatti tal-każ***

*Illi qabel ma l-Bank jgħaddi biex iressaq il-fehmiet legali tiegħu b'rabta mal-mandat, ikun utli li jingħata l-isfond fattwali li wassal għal dan il-mandat. Dan għaliex il-Bank isostni illi t-talba li qed issir m'għandhiex tiġi kunsidrata in vacuo imma fil-kuntest ta' kampanja sħiħa ta' proċeduri vessatorji mnedija mir-rikorrenti Jefpet Limited, illi għandha tagħti lill-Bank somma li tiżboq is-sittax-il miljun Euro.*

*Il-fatti tal-każ jistgħu jinġabru kif ġej:*

- *B'kuntratt tal-24 ta' Lulju, 2008, Jefpet Limited kienet ingħatat mill-Bank HSBC faċilitajiet ta' self fis-somma ta' € 9,320,000 għal xiri ta' firxa ta' art f'Wied il-Għajn (fejn hemm dak li fadal mill-Jerma Hotel). Somma ugwali kienet mislufa lil Jefpet Limited minn Lombard Bank plc;*

- *Ir-rikorrenti naqset li tonora l-obbligi kuntrattwali tagħha mal-Bank u, bis-saħħa ta' kuntratt pubbliku tad-19 ta' Jannar, 2010, Jefpet Limited ikkostitwiet ruħha debitriċi ċerta u likwida tal-Bank esponenti fis-somma ta' disa' miljun tmien mija u tnejn u disgħin elf u sbatax-il euro u sebgħa u sittin ċenteżmi (€ 9,892,017.67), liema kuntratt il-Bank irrenda eżekuttiv bis-saħħa ta' ittra uffiċjali tal-5 ta' April, 2011.*

- *B'kuntratt pubbliku ieħor tat-30 ta' April, 2014, Jefpet ikkostitwiet ruħha bħala debitriċi ċerta u likwida tal-Bank fis-somma ta' tlettax-il miljun disa' mija u wieħed u disgħin elf u mija u erbgħa u sebgħin euro u dsatax-il ċenteżmu (€ 13,991,174.19);*

- *Fil-frattemp, il-Bank esponenti, bit-tama illi jirnexxilu jiġbor lura l-ammonti plurimiljunarji dovuti lilu, kien nieda proċeduri tas-subasta b'rikors tat-2 t'Awwissu, 2012. Dawn il-proċeduri pero' jinsabu sallum pendenti (Subasta numru 80/2012) fost l-oħrajn minħabba attentati mtennija tal-istess soċjeta rikorrenti li tisfratta l-imsemmija proċeduri permezz ta' sensiela ta' rikorsi fl-atti tal-istess subasta.*

- *Jefpet Limited kienet ukoll intavolat rikors maħluf (Numru 78/2014 fl-ismijiet Jefpet Limited v HSBC Bank Malta plc u Lombard Bank Malta plc u Management Support Services Limited ghal kull interess li jista jkollhom) li bih*

*allegat nuqqasijiet fis-subasta pendenti. Din il-kawża inqatgħet kontra Jefpet Limited nhar l-20 ta' Mejju, 2015 imma minnha Jefpet Limited ressqet appell li għadu ma ġiex appuntat;*

- *Min-naħa tiegħu, il-Bank esponenti innegozja ma' terz b'dan illi permezz tal-skrittura privata (wegħda ta' ċessjoni ta' kreditu) tad-9 ta' Jannar, 2018 li qed tagħmel referenza għaliha r-rikorrenti, ftiehem u ntrabat illi jassenja d-dejn tiegħu kontra Jefpet Limited. Kif jidher mill-istess ftehim eżebit minn Jefpet stess, il-Bank wiegħed illi jitrasferixxi kreditu ta' € 16,103,025.96 b'referenza għal "loan account number 043-005123-300"*

- *Ir-rikorrenti ppruvat tfixkel dan in-negozju b'mandat t'inibizzjoni mressaq aktar kmieni din is-sena (Rikors Numru 77/18 JRM) fejn ġie allegat illi t-trasferiment tad-dejn kien se jinvolvi ksur tal-obbligi ta' segretezza Bankarja. Dan il-mandat t'inibizzjoni ġie miċħud minn din il-Qorti kif diversament presjeduta f'deċiżjoni tat-22 ta' Frar, 2018 (Kopja tad-digriet anness bhala dokument **HSBC1**);*

- *Iffaċċjat minn din l-attitudni, nhar is-26 ta' Jannar, 2018 il-Bank esponenti ressaq rikors għar-riappuntament tas-subasta kontra Jefpet. Dan pero' wassal, kif ormai il-Bank dara jistenna, għal aktar proċeduri maħsuba biex ifixklu lill-Bank milli jeżerċita d-drittijiet tiegħu ta' kreditur. Jefpet Limited intavolat*

  - *rikors maħluf fejn Jefpet Limited qed tinsisti bl-allegazzjoni tagħha li l-Bank esponenti kiser jew se jikser l-obbligi ta' segretezza professjonali (171/2018 MH) appuntat ghas-seduta tat-30 t'April, 2018*
  - *rikors maħluf li fih Jefpet Limited qed tallega xi nuqqasijiet fil-kalkoli t'imgħaxijiet dovuti (173/2018 AF) appuntat ghas-seduta tad-9 ta' Mejju, 2018*
  - *kawża Kostituzzjonali li fiha Jefpet Limited qiegħda addirittura ssostni illi l-artikli tal-Kap 12 dwar bejgħ bl-irkant bil-Qorti jilledu d-drittijiet Kostituzzjonali u Konvenzjonali tagħha (23/2018 SM, appuntata għall-24 t'April, 2018)*
  - *mandat t'inibizzjoni ieħor biex iżżomm lill-Bank milli jitrasferixxi l-kreditu tiegħu (415/2018 LSO) imsejjes fuq l-allegazzjoni li jekk il-Bank iwettaq l-weghda ta' cessjoni, ir-rikorrenti se tiġi preġudikata b'mod gravi u*

*rrimedjabbli stante li m'hemm ebda identifikazzjoni dwar il-valur tat-trasferiment tad-dritt a tenur tal-artikolu 1483 tal-Kap16. Dan il-mandat ġie rtirat mir-rikorrenti stess seduta stante fis-27 ta' Marzu, 2018 wara li l-Bank ressaq risposta fis-sens illi dan l-artiklu ma japplikax għal dejn kummerċjali;*

*Inqas minn ġimgħa wara illi dan l-aħħar mandat imsemmi ġie rtirat (u mal-ewwel ċans wara li fetaħ ir-reġistru tal-Qorti wara l-ferjat tal-Għid), Jefpet Limited reġgħet, għall-enneżima darba, ressqet il-mandat odjern. Il-Bank isostni illi dan irid jinftiehem fid-dawl ta' dan l-"akkaniment" min-naħa tar-rikorrenti illi mhuwiex ħlief parti minn tattika ta' dilungar f'attentat li Jefpet tevita obbligi assunti minnha preċedentement.*

*Illi hawn ma jistax ma jingħadx ukoll illi Jefpet Limited hija teknikament u fattwalment insolventi u ilha ma tipprezenta l-accounts taghha ghal bosta snin (Dokument* ***HSBC2****).*

## *2.0 L-allegazzjonijiet f'dan il-mandat*

*Illi t-talba f'dan il-mandat hija msejsa fuq dawn l-argumenti:*

*(i) Skont il-wegħda ta' ċessjoni tad-9 ta' Jannar, 2018, il-Bank intrabat illi ma jaċċettax ħlas akkont mingħand id-debitur. Dan, skont ir-rikorrenti jilledi d-drittijiet tagħha stante illi t-total minnha dovut jirreferi għal numru ta' akkonti u r-rikorrenti għandu jibqagħlha d-dritt skont il-liġi illi tħallas għas-saldu dawk il-kontijiet bankarji individwali inklużi fil-kreditu. Il-leżjoni ta' dan id-dritt, skont ir-rikorrenti, jfisser illi qed teħel imgħaxijiet li ma għandhiex teħel*

*(ii) B'żieda ma' dan, ir-rikorrenti qiegħda tgħid illi ladarba jseħħ it-trasferiment, il-kreditu ser isir "wieħed" u ma jibqax mifrud f'kontijiet separati. Għalhekk, issostni r-rikorrenti (mingħajr ma tispjega kif), hija se ssofri preġudizzju.*

*Dawn il-punti ser jiġu kunsidrati wara li ssir referenzi għal xi prinċipji ġenerali illi jirregolaw l-istitut ossia rimedju tal-mandat t'inibizzjoni.*

## *4.0 Xi kunsiderazzjonijiet legali*

*Illi l-Artikolu 873 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili espressament jipprovdi illi sabiex talba għall-ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni tkun jista' tintlaqa' jenħtieġ illi l-Qorti tkun soddisfatta:*

*(i) illi prima facie ir-rikorrenti għandu dawk il-jeddijiet;*
*(ii) illi l-aġir ta' l-intimat ikun ta' preġudizzju lir-rikorrent; u*
*(iii) illi l-mandat ikun **<u>meħtieġ</u>** sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent* [1].

*Illi fi Grech pro et noe vs Manfre (Vol.LXXII.II.290 – App. Civ. – 14/7/1988), il-Qorti qalet, fir-rigward tal-prova tal-jedd prima facie li dan:*

> *... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il- jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.*

*Żiedet tgħid:*

> *"li l-Kodici ta' Procedura Civili jippreskrivi <u>kategorikament</u> illi l-Qorti m'ghandiex tohrog dak il-mandat" jekk it-tliet rekwiziti tal- mandat fuq imsemmija ma jkunux sodisfatti.*

*Ġie wkoll ritenut illi mandat t'inibizzjoni*

> *huwa meżż eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali u l-harsien li l-ligi timmira ghalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu **jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli**... It-tiftix li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, **jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu** fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat"* [2] *[enfażi miżjuda]*

*Illi f'dan ir-rigward hija ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati illi t-tielet rekwiżit għall-ħruġ tal-mandat (ċjoe li l-mandat ikun **<u>meħtieġ</u>** sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent) mhuwiex sodisfatt f'każ illi l-preġudizzju soffert mir-rikorrenti jista' jiġi sanat bil-ħlas ta' danni. Dan għaliex ir-rikorrent għandu l-ewwelnett iġib prova illi l-ħruġ tal-*

[1] Ara Giacomo Galea vs. Pio Bezzina (App. Civ. 5.8.1954) u Direttur tal-Kuntratti et vs. George Xuereb (Kumm. G.V. 14.6.1995); Ara wkoll, aktar reċentament, *Malta Union of Bank Employees* v *Bank of Valletta p.l.c.*, 27.01.2014, fejn dawn l-elementi ġew riprodotti.
[2] Charles Mugliett v Saviour Bonnici, Prim Awla, 25/01/2005; Angelo Xuereb v Marin Hili, Qorti tal-Kummerċ, Rikors Nru 3135/94, Deċiż 22/09/1995.

*mandat huwa tassew meħtieġ – jekk ir-rikorrenti jkollu rimedju eventwali permezz ta' kawża għal danni ma jkollux jedd li jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni.*

*Ġie mtenni illi:*

> *l-mansjoni ta` din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi finalment dwar il-pretensjonijiet taghhom fil-mertu izda huwa limitat u cirkoskritt biex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta` Inibizzjoni.* ***Il-Mandat ta` Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali. Ghalhekk ma jistax jinhareg il-Mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tkun tista` tigi rimedjata mod iehor.***[3] *[emfażi miżjuda]*

*Kif ukoll illi*

> *Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."*[4]

*Illi għalhekk jiġi sottomess illi l-fatti tal-każ għandhom jiġu eżaminati fid-dawl ta' dawn ir-rekwiżiti stabbiliti mil-liġi u l-każistika nostrana.*

*4.1 Prima facie ir-rikorrent m'għandux il-jeddijiet pretiżi*

*Jibda biex jingħad illi ai termini tal-Artiklu 1156 tal-Liġijiet ta' Malta*

> *Il-kreditur ma jistax jiġi mġiegħel jirċievi ħaġa li ma tkunx dik li għandha tingħata lilu, għalkemm il-ħaġa offerta tkun tiswa daqs l-oħra, jew ukoll iżjed; jew li jirċievi l-ħlas ta' biċċa mid-dejn, għalkemm dan id-dejn ikun li jista' jinqasam.*
>
> *Għalhekk, il-Bank kellu kull dritt illi jiddikjara illi huwa mhuwiex ser jirċievi pagamenti akkont tad-dejn.*

*Min-naħa tagħha, il-jedd illi s-soċjeta' rikorrenti qed issostni li tixtieq tipproteġi huwa d-dritt tagħha illi żżomm il-kreditu "maqsum" f'kontijiet separati b'dan li hija tkun tista' tħallas għas-saldu ta' kontijiet individwali.*

[3] Dr Kenneth Grima *nomine* v Direttur Ġenerali tal-Kuntratti, Prim Awla, 26 ta' Marzu, 2014
[4] Avukat Dr John Gauci v Direttur tal-Kuntratti, Prim Awla, 18 ta' Lulju, 2008

*Anke fattwalment, huwa ovvju mad-daqqa t'għajn illi dan tar-rikorrenti mhuwiex ħlief argument ipotetiku. Dan għaliex f'dawn l-aħħar snin, jefpet Limited għamlet kull mezz biex tevita li tħallas imqar parti mid-dejn tagħha – aħseb wara kemm qatt uriet interess illi tħallas "għas-saldu" ta' xi kont jew ieħor. Jefpet Limited kienet tkun daqsxejn iżjed kredibbli li kieku wriet li, ngħidu aħna, offriet ħlas li ġie rifjutat, imma dan ċertament mhux il-każ.*

*Anke li kieku l-preokkupazzjoni ta' Jefpet Limited kienet ġenwina pero', l-argument tagħha xorta jibqa' legalment infondat. Dan għas-segwenti raġunijiet:*

- *Għalkemm jista' jkun il-każ illi l-kreditu kien, xi darba, jirreferi għal kontijiet differenti, l-istess ftehim eżebit jixhed illi l-ammont mitlub huwa ormai kollha inkluż taħt il-kappa ta' loan account number 043-005123-300, u ċjoe kont wieħed;*

- *Barra minn hekk, anke li kieku kien il-każ illi Jefpet għandha akkonti differenti mal-Bank, il-kreditu jibqa' wieħed* **totali** *dovut minn Jefpet Limited lill-Bank HSBC. Mela japplika l-prinċipju stabbilit fl-Artiklu 1156 fis-sens illi anke jekk konċettwalment "id-dejn ikun li jista' jinqasam", il-Bank għandu kull dritt illi jinsisti fuq ħlas assaldu tal-kreditu sħiħ;*

- *F'dan ir-rigward, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, huwa sinjifikanti illi l-kreditu totali dovut lill-Bank ġie saħansitra rikonoxxut minn Jefpet Limited f'kuntratti ta' kostituzzjoni ta' debitu. Għalhekk, kienet Jefpet stess illi aċċettat illi l-ammonti dovuti – dato ma non concesso li jirreferu għal kontijiet differenti –, setgħu jitqiegħdu f' "qoffa waħda" jew debitu wieħed. It-teżi tar-rikorrenti illi l-kreditu għandu jinqasam f'kontijiet separati hija biss waħda ta' konvenjenza għall-iskopijiet ta' dan il-mandat;*

- *Fid-dawl ta' dak spjegat, is-sitwazzjoni f'każ li l-kreditu jiġi trasferit lil terz ma hija se tinbidel bl-ebda mod, u għalhekk ma huwa xejn ċar xi "preġudizzju" se ssofri Jefpet bit-trasferiment lil terz. Ċertament illi d-dejn dovut mhux ser jinbidel;*

*4.2 Ir-rikorrenti mhux se jsofri preġudizzju*

*Fir-rigward tar-rekwiżit tal-prova ta' "preġudizzju" il-Bank esponenti itenni illi, kif ġa ntqal, it-trasferiment tal-kreditu ma huwiex ser jibdel il-bottom line – u ċjoe, illi Jefpet hija kreditriċi ta' ammont li hija obbligata li tħallas;*

*Illi għall-kuntrarju, huwa l-istess Bank esponenti illi qiegħed isofri preġudizzju għaliex ilu snin jipprova jsolvi l-kwestjoni u jiġbor dak dovut mid-dejn multi-miljunarju ta' Jefpet, iżda regolarment isib ma' wiċċu xi proċeduri ġudizzjarji ġodda mnedija mid-debitriċi sabiex tostakola, minghajr gustifikazzjoni legali, dawk l-atti gudizzjarji li l-Bank jinizja fil-konfront tagħha sabiex ihares id-drittijiet kreditarji tieghu. Iċ-ċessjoni proposta mhijiex ħlief attentat tal-Bank illi joħroġ minn din is-sitwazzjoni darba għal dejjem, anke jekk dan ifisser illi qatt ma huwa ser jitħallas l-ammont sħiħ dovut lilu. Anke dan pero' jidher li qed jurta lir-rikorrenti!*

*Illi għalhekk, anke dan ir-rekwiżit ta' "preġudizzju" ukoll jirriżulta manifestament nieqes.*

*4.3 Il-Mandat mhux neċessarju*

*Huwa paċifiku illi r-rekwiżiti għall-ħruġ ta' mandat huma kumulattivi u mhux alternattivi u għalhekk jekk jonqsu l-ewwel żewġ ħtiġiet, il-mandat għandu jiġi miċħud mingħajr il-ħtieġa li wieħed jikkunsidra l-aħħar element. Għalhekk, il-Bank esponenti ftit għandu xi jżid b'rabta ma' dan l-aħħar rekwiżit. Għal kull bwon fini, pero' l-Bank esponenti jinnota illi hemm każistika stabbilita illi tistabilixxi illi mandat t'inibizzjoni huwa minnu nnifsu rimedju straordinarju li m'għandux japplika fejn hemm rimedji oħra inkluż ir-rimedju ta' proċeduri għall-ħlas ta' danni. Hekk, din il-Qorti stqarret[5] illi:*

> *Il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju "li ma jkunx jista' jigi irrimedjat"... Apparti minn dan, hsara jew pregudizzju ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus. Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et deciza fit-13 ta Mejju 2014, per Onor Imhallef J.R.Micallef : "Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi" (Enfasi ta' din il-Qorti) Vide ukoll IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et deciza fil-11 ta' Marzu 2003.*

[5] Malta Transport Service Operations Limited v General Workers Union *et* 23.10.2015

> *Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali (Vide Charles Mugliett vs Saviour Bonnici deciza fil-25 ta' Jannar 2005 per Imhallef Joseph R. Micallef : "... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."*

*Issa jekk wieħed iħares lejn ir-rikors, Jefpet infisha tosserva illi l-allegat preġudizzju jikkonsisti fil-"konsegwenzjali dekorrenza t'imgħaxijiet" jekk ma titħalliex tagħmel ħlas akkont tad-debitu. Għalhekk, fl-agħar ipoteżi, id-"dannu" soffert (ipotetiku ghaliex kif inghad ir-rikorrenti hija insolventi) huwa wieħed prettament u purament pekunjarju illi jista' jiġi eventwalment irkuprat (u dan biss jekk tassew Jefpet għandha raġun).*

*Huwa umilment sottomess għalhekk illi l-mandat t'inibizzjoni huwa rimedju straordinarju illi zgur ma japplikax f'dan il-każ.*

***5.0 Konklużjoni***

*Għal dawn ir-raġunijiet, il-Bank esponenti HSBC Bank Malta plc umilment jissottometti illi t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.*

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Semghat it-trattazzjoni tad-difensuri legali tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**Dr. Ralph Agius Fernandez** xehed illi flimkien mas-self ta' €9,320,000 s-socjeta rikorrenti kienet inghatat ukoll facilita ta' *overdraft account,* li t-tnejn jaghmlu parti, u huma elenkati separatament, fil-kostituzzjoni ta' debitu relattiva. **Fuq mistoqsija tal-Qorti kkonferma illi l-parti l-ohra fuq il-kuntratt ta' cessjoni esebit mis-socjeta rikorrenti mal-mandat taghha m'hijiex istituzzjoni Bankarja jew finanzjarja.**

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu;

u **fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bhala rekwizit mehtieg għall-hrug tal-Mandat. Irid ghalhekk ikun jedd, *albeit* biss wiehed fuq bazi ta' *prima facie*, biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun sempliċi diffikulta', disagju jew thassib [ara – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors ghall-hruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pulliċino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Ghax is-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Anke jekk rikorrent ghandu jedd *prima facie* x`jigi tutelat, il-grad ta` pregudizzju li jkun se jgarrab jekk il-jedd tieghu *prima facie* ma jkunx tutelat bil-hrug tal-Mandat, irid ikun **irrimedjabbli** – dan skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna.

B`irrimedjabbli wiehed ghandu jfisser illi l-hsara li minnha r-rikorrent ikun qed jilmenta, tkun wahda tali illi ma tistax tissewwa mod ieħor. **Jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitnehha**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistharreġ il-kaz fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element mehtieg għall-hrug tal-Mandat** (ara – Prim`Awla tal-Qorti Civili – **2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-hruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet **"Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe"**)

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef**). Il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem. Issa dan ma jfissirx li ghax tkun intlaqghet talba ghall-hrug tal- Mandat, allura l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor lanqas ma jfisser illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug tal-Mandat.
Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat illi s-socjeta rikorrenti intavolat dan il-mandat sabiex twaqqaf lis-socjeta ntimata milli twettaq il-weghda ta' cessjoni ta' jeddijiet maghmula permezz tal-iskrittura datat 9 ta' Jannar 2018, fejn is-socjeta ntimata intrabtet illi ccedi favur terz injot il-kreditu tas-socjeta ntimata fil-konfront tas-socjeta rikorrenti. Skont is-socjeta rikorrenti dan ikun ta' hsara u pregudizzju ghad-drittijiet taghha ghaliex:

1. Filwaqt illi kull wiehed mill-akkonti bankarji huwa suxxettibbli ghall-hlas ghas-saldu b'mod separat u awtonomu, is-socjeta ntimata ntrabtet illi ma taccettax hlas "*on account of the Credit"* bil-konsegwenza ghalhekk illi s-socjeta rikorrenti qed tigi privata milli taghmel hlasijiet ghas-saldju li jwassal ghad-dekorrenza tal-imghax;

2. Permezz ta' din ic-cessjoni, s-socjeta ntimata ser tbiddel b'mod irrimedjabbli in-natura tad-debitu dovut mis-socjeta rikorrenti, peress illi t-terz injot m'huwiex istituzzjoni ta'

kreditu u ghalhekk ma tistghax izomm akkonti bankarji, fatt illi ser jincidi b'mod irreparabbli fuq id-drittijiet tas-socjeta rikorrenti.

Minn naha taghha, s-socjeta ntimata qed toggezzjoni ghat-talba ta' hrug ta' dan il-mandat u qed tirribatti l-argumenti tas-socjeta rikorrenti bis-segwenti mod:

1. Illi l-Bank ntimat ghandu kull dritt illi jiddikjara li m'huwiex ser jircievi pagament akkont tad-dejn a tenur tal-Artikolu 1156 tal-Kodici Civili;

2. Illi l-argumenti tas-socjeta rikorrenti m'humiex kredibbli peress illi qatt ma uriet interess illi thallas ghas-saldu;

3. Il-kreditu m'ghadux jista' jitqies iktar bhala krediti differenti peress li l-ammonti kollha llum il-gurnata huma kollha nkluzi taht il-kappa ta' *loan account number* 043-005123-300, u cioe kont wiehed;

4. It-tielet rekwizit ghal hrug tal-mandat m'huwiex sodisfatt peress illi kwalunkwe pregudizzju soffert mis-socjeta rikorrenti jista' jigi ssanat bil-hlas ta' danni;

5. Is-socjeta ntimata argumentat ukoll illi fil-ligi m'hemm l-ebda restrizzjonijiet rigward il-persuna jew l-entita li maghha tista' tidhol fi ftehim ta' cessjoni ta' kreditu.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti sejra tezamina it-tieni argument tas-socjeta rikorrenti, u cioe illi s-socjeta ntimata ghandha tigi inibita milli twettaq il-weghda ta' cessjoni ghaliex it-terz injot m'huwiex istituzzjoni ta' kreditu.

Huwa ikkontestat bejn il-partijiet illi l-Bank intimat dahal f'weghda ta' cessjoni fuq parti mill-facilitajiet bankarji moghtija mill-istess Bank lis-socjeta rikorrenti ma' terz injot illi m'huwiex Bank jew istituzzjoni ta' kreditu.

Il-Bank intimat, fost argumenti ohra, jikkontendi illi galadarba is-socjeta rikorrenti iffirmat kostituzjzoni ta' debitu fuq l-entita tal-facilitajiet bankarji li nghatat, fil-ligi ma hemm ebda restrizzjoni rigward il-persuna jew l-entita illi maghha jista' jidhol fi ftehim ta' cessjoni ta' kreditu.

Fi kliem iehor, kostituzzjoni ta' debitu ta' facilita Bankarja tbiddel in-natura tad-debitu minn wiehed protett bil-ligijiet bankarji mill-aktar stretti sabiex isir dejn semplici li jista' jigi mghoddi lil kwalunkwe persuna – anke lil kompetitur tad-debitur – b'rizultat li l-Bank jinheles mill-obbligi bankarji tieghu?

Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi kostituzzjoni ta' debitu ma tiznaturax l-obbligi principali bejn il-kontraenti – il-Bank u d-debitur – il-ghaliex l-elementi essenzjali tal-obbligi kontratti jibqu' obbligi bankarji li ghalihom japplika l-istitut shih tal-ligijiet bankarji tal-pajjiz fuq il-Bank li huwa regolat mill-awtoritajiet kompetenti, cioe il-Malta Financial Services Authority (MFSA), mic-Central Bank of Malta u mill-European Banking Authority, u dan kollu fl-interess pubbliku.

Bank jew istituzzjoni ta' kreditu huwa definit bhala:

> "***an undertaking the business of which is to receive deposits or other payable funds from the public and to grant credits for its own accounts***."[6]

Bank jew istituzzjoni ta' kreditu jikkonduci l-operat tieghu, cioe '***the business of Banking***" taht regoli stressimi, kemm fuq l-livell nazzjonali kif ukoll fuq livell reggonali.

Il-***business of banking*** ifisser:

> "***the business of a person who as set out in subarticle (2) accepts deposit.s of money from the public withdrawable or repayable on demand or after a fixed period or after notice or who borrows or raises money from the public (including the borrowing or raising of money by the issue of debentures or debenture stock or other instruments creating or acknowledging indebtedness), in either case for the purpose of employing such money in whole or in part by lending to others or otherwise investing for the account and at the risk of the person accepting such money.***"[7]

Illi huwa evidenti ghalhekk illi ic-cessjoni ta' kreditu bankarju jinkwadru ruhu perfettament fl-operat tal-*business of bankin.*Illi pero skont l-Artikolu 5 tal-Banking Act:

[6] Vide Article 2(1) tal-Banking Act (Kap. 371 tal-Ligijiet ta' Malta).
[7] *Ibid.,* Artikolu 2(1).

> "***No business of bamking shall be transcated in or from Malta except by a company which is in possesson of a licence granted under this act by the competent authority.***[8]
>
> ***No credit institution licence or holding an equivalent authorisation outside Malta may open a branch, agency or offeice or set up any subsidiary in Malta unless it is possession of licence granted under this Act by the competent authority***."[9]

Barra minn hekk, "*any company desirious of commencing the business of Banking in Malta"*ghandu japplika lil awtorita kompetenti (cioe l-MFSA) "***before*** *commencing any such business"*[10]

Huwa ghalhekk daqstant iehor evidenti illi l-Bank intimat ghandu kull dritt illi jidhol f'weghda jew kuntratt finali ta' cessjoni ta' dejn Bankarju, izda jista' jaghmel dan biss ma' Bank iehor jew ma' istituzzjoni ta' kreditu debitament licenzjata taht il-Kapitolu 371 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fl-interess pubbliku. Ghaliex?

Illi meta cittadin javvicina istituzzjoni bankarja ghal self, jaghmel dan ghaliex jemmen u jifhem illi l-Bank huwa istituzzjoni regolata mill-Istat, liema bank huwa marbut illi jimxi bi prassi u etika ta' kalibru gholi. Ic-cittadin jaf ukoll illi l-Bank jaqa' taht l-iskrutinju ta' Korpi Regolatorji indipendenti fuq livell nazzjonali bhala l-MFSA, u c–Central Bank, kif ukoll u b'mod aktar important, mill-European Banking Authority, u li dawn il-korpi regolatorji jesegwixxi d-doveri taghhom fl-interess pubbliku ghaliex is-settur finanzjarju huwa settur krucjali ghall-Istat u ghall-*benessere* tac-cittadin Malta. Il-Qorti taghraf illi l-assenza ta' legislazzjoni u korp regolatur fl-oghti ta' facilitajiet ta' kreditu thalli lic-cittadin vulnerabbli ghal abbuz minn entitajiet jew persuni li altrimenti ikollhom poter kwazi illimitat fuq dawk il-persuni li jigu bzonn is-servizzi taghhom. Huwa ghalhekk illi cittadin imur jissellef minghand il-Bank u mhux fuq l-idejn u l-interess pubbliku huwa rradikat fuq il-protezzjoni tac-cittadin u tal-kummercjant minn nies jew entitajiet mhux regolati. Dan huwa r-*raison d'etre* tal-ligijiet bankarji. Minn dan isegwi illi Bank u istituzzjoni finanzjarja ma jistghux jigu mhollija jbieghu debitu bankarju lil terz li mhux marbut bl-istess obbligi oneruzi imposti fuq l-istituzzjoni ta' kreditu. Fil-fehma tal-Qorti din il-weghda ta' bejgh, almenu fuq bazi *prima facie,* tmur kontra il-qofol tal-ligijiet bankarji relattivi.

---

[8] *Ibid.,* Artikolu 5(1).
[9] *Ibid.,* Artikolu 5(2).
[10] *Ibid.,* Artikolu 6.

Illi ghalhekk isegwi li s-socjeta ikorrenti ghandha dritt *prima facie* ghal dak mitlub, liema dritt huwa salvagwardjat mill-interess pubbliku.

Il-Qorti taghraf ukoll illi almenu fuq bazi ta' *prima facie*, l-pregudizzju li tista' tbati s-socjeta rikorrenti, u li fil-fehma tal-Qorti huwa wiehed irrimedjabbli, ma jiffigurax biss f'danni pekunarji imma fl-isvestiment tal-protezzjoni li l-ligi taghti lid-debitur ta' Bank; protezzjoni li hija rradikata fl-ordni u l-interess pubbliku.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt illi tikkonferma d-digriet taghha tat-2 ta' April 2018 li bih laqghat it-talba provvizorjament, tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti u tinibixxi lill-Bank intimat milli jeżegwixxi, jenforza jew fi kwalsiasi mod iwettaq il-wegħda ta' ċessjoni ta' jeddijiet magħmula permezz ta' l-iskrittura privata datata disa' (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018), u li kopja tagħha tinsab ezebita fl-atti ta' dan il-mandat a fol 3 *et seqq*.**

**L-ispejjez ghandhom jithallsu mill-Bank intimat.**

**Moghti Kameralment illum it-Tnejn, 30 ta' April 2018.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**